**TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR**

**CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL**

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT 169/18/B

Alison Casha

Vs

Callus Garden Centre

Illum, 17 ta' Mejju , 2021

It-Tribunal:

Ra l-avviz tar-rikorrenti ipprezentat fit- 30 t' Ottubru, 2021 li permezz tieghu ir-rikorrenti talbu lil dan it-Tribunal sabiex jikkundannaw lill-intimati hallsu s-somma ta' mitejn u sittin Euro (€ 260) u ghal zewg sigriet li kienu nxtraw li ma kienu tal-kwalita mistennija peress li wara ftit zmien kienu mietu

Ra illi l-intimati wiegbu permess ta' risposta datata 13 ta' Novembru 2018 li permezz ecceppew:

*(1)"Preliminarjament in-nullita' tat-talba attrici stante li la l-attur u wisq inqas il-konvenut ma huma identifikabli permezz ta' numri ufficjali kif trid il-Ligi fl-avviz promutur;*
*(2)Preliminarjament ukoll, in-nullita' tat-talba attrici minhabba li hija rivolta kontra entita' li ma tezistix fil-ligi;*
*(3)Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda in toto;*
*(4)Bl-ispejjez kontra l-attrici li hija ngunta in subizzjoni"*

Ra l-Atti tal-process;

Semgha ix-xhieda;

Ra d-Dokumenti esebiti;

Ikkunsidra:

Illi mill-fatti tal-kaz jidher illi l-pern tal-kaz odejrn jikkoncerna kwalita' ta' sigar li gew mixtrija mir-rikorrenti tal- ghamla *Picea* li gew mixtrija f'Dicembru tas-sena 2016 u sa Jannar tas-sena sussegwenti kienu nixfu.
Illi xehed bil-gurament Joseph Galea li pprezenta numru ta' dokumenti lit-Tribunal fejn jindiaw time line ta' x'gara hekk kif inxtraw l-istess sigar. Illi mid-dehra r-rikorrenti kienu kelmu lill-intimati dwar l-fatt illi wara ftit zmien l-istess sigar kienu nixfu u Jonathan Callus kien offra li jinbidlu l-istess sigar peress li wara li tkellem mas-supplier kien jidher illi l-istess sigar seta' kienu affettwati b'xi marda.

Illi filfatt il-partiijet qablu u vverbalizzaw quddiem it-Tribunal fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2019 illi l-ewwel sett ta' sigar kienu gew mibdula mill-intimati pero r-rikorrenti ntavolat l-ilment peress illi t-tieni batch ta' sigar li gew moghtija f'Dicembru 2017 ukoll nixfu wara ftit zmien.

Illi x-xhud spejga illi Jonathan Callus kien ammetta illi s-sigar kienu morda u offra lill-intimati illi jibdel s-sigar ma Cipressus trees liema offerta giet michuda mir-rikorrenti. Illi l-istess xhud spjega illi l-offerta tas-sigra Cipressus kellha valur ferm inqas u ghalhekk cahad din l-offerta. Illi x-xhud spjega illi mhux normali li 4 sigriet imutu fi tlett gimghat u ghalhekk huwa kien qed jahseb li kienu waslu morda.

Illi Jonathan Callus xehed permezz ta' affidavit fejn spjega lit-Tribunal illi huwa ma ammettiex illi l-istess sigar kienu morda izda li kienu affetwati hazin minn fungus prezenti fl-ambjent. Xhud spjega illi offra li jinbdlu s-sigar ta' *picea amarika* ghal cipressus tree minhabba li n-natura taghhom hija iktar reziljenti. Huwa Cahad li s-sigra nixfet f'Jannar u dan peress li l-email mibghuta minn Joseph Galea kienet datata 19 ta' Frar 2018. Illi x-xhud spjega li sigra hija oggett haj u ghalhekk hemm numru ta' fatturi li jikkontribwixxu jekk sigra tmurx Tajjeb jew le u l-kontroll tieghu fuq l-istess sigra jispicca hekk kif din tigi mghoddija lill-klijent.

Ikkunsidra

Illi t-Tribunal ser jghaddi sabiex jiddetermina jekk l-intimati humiex responsabbli ghall-fatt illi s-sigar li gew konsenjati lir-rikorrenti kienux diffetuzi minhabba agir attribwibbli lill-istess intimati.

Illi r-rikorrenti jishqu illi s-sigar kienu effettivament difettuzi jew morda tant illi jistriehu fuq konverzazzjoni ma Jonathan Callus fejn allagatament ammetta illi is-sigar kienu morda. Illi Jonathan Callas Cahad kategoikament dan il-fatt. Illi t-Tribunal ra

korrispondenza li giet pprezentata lilu fosthom email datata 10 t' April 2018 minn Jonathan Callus lil Joseph Galea fejn huwa rrileva:

*"...apparently we are finding that there's a type of fungus that is affecting those types of trees, something that we don't have control on it"* [1]

Illi t-Tribunal ma jistax ma jinnutax illi din ma hix ammissjoni minn Jonathan Callus li s-sigar kienu morda izda stharrig illi l-istess tip ta sigar kienu qed jigu affetwati minn Fugus. Tribunal jirrileva ukoll illi huwa evidenti illi la Jonathan Callus u wisq inqas ir-rikorrenti ma kienu konoxxenti b'dan il-fatt qabel mar-rikorrenti xtrat dawn iz-zewg sigriet, pero l-intimati rrimedjaw billi offrew replacement tal-istess sigar liema offerta giet accetata.

Illi b'hekk huwa evidenti illi hekk kif is-sigar gew ikkonsenjati (ghat-tieni darba) f'Dicembru tas-sena 2017 r-rikorrenti kienu a konoxxenza illi l-istess sigar setghu kienu affetwati minn tip ta' fungus.

Illi minn naha tieghu Jonathan Callus jghid illi mal-konsenja tas-Sigar huwa ma jifdallux responsabilita' stante li sigar huma prodotti hajjin u ghalhekk tmurx tajjeb jew le jiddependi minn diversi fatturi fosthom kif persuna tiehu hsieb l-istess sigar.

Illi t-Tribunal jirrileva illi filwaqt li huwa minnu illi n-negozjant huwa responsabbli ghall-oggett sal- konsennja pero it-Tribunal ma jistax ma jirilevax illi l-istess sigar waslu ghall-initmati ghal habta ta' nofs Novembru u dan kif jidher mill-email datata 26 t' Ottubru 2017 fejn Jonathan Callus sahaq li konsenja tat-tieni batch ta' sigar kellha tkun: *"For mid November I will call you as soon as in stock..."* [2] u ghalhekk ftit wara li s-sigar waslu gew ikkonsenjati lir-rikorrenti. Illi Tribunal Jinnota ukoll li anke din il-batchbdiet tinxef ftit wara ftit gimghat fil-fatt l-email tad-19 ta' Frar 2018 Joseph Casha kien gibed l-attenzjoni: *"the two replacement picea you supplied us in December. As you can see they are in <u>two different locations with different conditions however they are both regretfully, after less then 2 months totally dry like the ones before them</u>"*. Illi huwa accettat ghalhekk illi s-sigar in kwistjoni kienu lokalitajiet u kundizzjoni differenti u minkejja dan f'istess zmien dawn regghu nixfu fi ftit gimghat wara l-konsenja. B'hekk ghat-Tribunal huwa evidenti illi dawn kienu affetwati minn difett jew marda.

Illi finalment t-Tribunal jinnota illi l-proceduri odjerni gew intavolati unikament biss minn Alison Casha li qatt ma dehret quddiem dan it-Tribunal. Rikorrenti strahet biss Fuq x-xhieda ta' Joseph Casha. Illi mill-istess xhieda u dokumenti prezentati rrizulta illi z-zewg

---

[1] Ara Dok 'B'

[2] Ara Dok C

sigriet gew mixtrija: *"for our respective residences"* tant illi l-ittra mibghuta 10 ta' Mejju 2018 [ara Dok B] giet mibghuta minn Alison Casha u Joseph Galea. Illi f'dawn il-proceduri Joseph Galea huwa biss Xhud u mhux parti mill-kawza u ghalhekk t-Tribunal jista jilqa' it-talba biss en parte u cioe' ghal dak is-sehem li kellha Alison Casha ossija sigra wahda li giet ikkonsenjata fir-residenza taghha. Inoltre fl-istess Dok B l-ammont dikjarat mhallas ghal-istess sigar huwa € 250 u mhux € 260 hekk kif mitlub fit-talba.

Ghalhekk fic-cirkustanzi, it-Tribunal iqis illi t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi milqugha in parte in kwantu illi r-rikorrenti ghandha tigi rimborzata l-prezz ta' sigra wahda picea fl-ammont ta' mija u hamsa u ghxorin Euro (€ 125) u dan peress li istess sigra kienet milquta minn marda.

DECIDE

Ghaldaqstant, it-Tribunal qed jaqta u jiddeciedi dan l-avviz, ghar-ragunijiet fuq spjegati, billi jilqa' in parti t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna lill-intimati hallsu s-somma ta' mija u hamsa u ghoxrin Euro (€ 125) rapprezentanti spejjez inkorsi ghal sigra picea

Bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu mill-partijiet b'mod ugwali.

Avv. Paul Borg
Arbitru